Stqarrija mill-Uffiċċju tal-President

19 ta' Marzu 2020

**Messaġġ lill-poplu Malti u Għawdxi mill-E.T. George Vella, President tar-Repubblika, b'rabta mas-sitwazzjoni f'Malta tal-COVID-19**

Insellmilkom,

F'dawn il-mumenti diffiċli, għal pajjiżna u għalina kollha, nixtieq inwassal dal-messaġġ dirett lilkom u lill-familji tagħkom.

Kif diġà għidt ftit tal-ġranet ilu fi stqarrija li ħriġt, irrid nassigurakom li ilni nsegwi l-imxija tal-Corona Virus sa mill-bidu nett, u qed inkompli nagħmel dan bl-akbar attenzjoni.

Is-sitwazzjoni kemm fuq livell nazzjonali, kif ukoll dak internazzjonali qegħda tinbidel minn mument għall-ieħor.

L-ewwel messaġġ tiegħi llum imur lejn il-pazjenti milquta minn dan il-virus, u lejn l-għeżież tagħhom. Tinsabu f'idejn tajba, u l-kura li qed tirċievu hija waħda mill-aqwa. Għamlu kuraġġ u kunu afu li tinsabu fil-ħsibijiet u t-talb ta' bosta.

Nemmen li nkun qed nitkellem f'isimkom lkoll meta permezz ta' dan il-messaġġ inwassal apprezzament sinċier u f'loku lill-ħaddiema kollha tas-settur tas-saħħa, u dawk kollha f'dipartimenti oħra, kif ukoll lill-voluntiera - mill-kbir saż-żgħir - li b'sagrifiċċji kbar u b'riskju personali qed iduru bil-pazjenti tagħna u fl-istess ħin jieħdu ħsieb l-interess tal-pajjiż kollu f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa pubblika.

Ringrazzjament speċjali għandu jmur lill-awtoritajiet li qed jieħdu ħsieb iżommuna infurmati ta' kuljum u b'mod regolari, dwar l-iżviluppi li jkunu seħħew u l-miżuri li qed jittieħdu. Jien bħalkom, bħala ċittadin u missier, inħoss li l-għoti ta' informazzjoni ta' dan it-tip jagħmel ħafna ġid u jserraħ xi ftit l-imħuħ.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, fejn qed niġġieldu kontra għadu li ma jidhirx, l-informazzjoni hija għodda fundamentali.

Nieħu din l-opportunità sabiex nisħaq fuq is-sens ta' responsabbiltà li għandu jmexxina f'kull pass li nieħdu. Id-direttivi li qegħdin jagħtuna l-awtoritajiet politiċi u tas-saħħa huma maħsuba għall-ġid aħħari tal-poplu kollu, u jridu jiġu osservati bla ebda eċċezzjoni.

Jekk nonqsu minn dan, inkunu qed nesponu mhux biss lilna nfusna u lil qrabatna, iżda anki lill-komunità kollha.

Ma' dan is-sens ta' responsabbilta' norbot dak tas-solidarjetà.

Fl-aħħar siegħat rajna diversi turija ta' solidarjetà u espressjonijiet ta' ħajr ferm mistħoqqa lejn it-tobba u l-infermiera tagħna. Iżda hemm solidarjetà oħra li tajjeb inwasslu ma' min hu fil-qrib tagħna.

Nibda' bl-anzjani u dawk li huma aktar vulnerabbli minn oħrajn, li forsi dażżmien iktar minn qatt qabel qed iħossuhom mitlufin u mifxulin.

Għinuhom intom.

Biżżejjed tagħmlulhom telefonata ta' kuljum biex taraw kif inhi saħħithom u toffru kelma ta' kuraġġ u tistaqsu jekk tistgħux tgħinuhom f'xi ħaġa, jew f'xi qadja.

Hemm ħafna mezzi kif min huwa iżolat infakkruh li mhuwiex minsi.

Kif drajtuni li nħobb nagħmel f'dawn it-tip ta' messaġġi lin-nazzjon ser inkellem lil dawk il-barranin fostna bil-lingwa Ingliża.

> *I appeal to all foreigners among us Maltese, in these difficult moments.*
>
> *We all share the same worries and concerns. We are all in the same boat. As part of our extended family, your health is also a priority for us.*
>
> *My appeal to you is similar to the one I am delivering to the Maltese citizens.*
>
> *I urge you to observe the directives issued by the Health Authorities, and take all the necessary measures to keep yourself and others safe.*
>
> *We are all in this together, and your actions can go a long way in ensuring that we get over this chapter the soonest possibile.*

Dan il-fenomenu mhuwiex biss wieħed ta' saħħa pubblika.

Ir-riperkussjonijet huma ferm aktar wiesa' u kif diġà qegħdin naraw, jolqtu l-oqsma ekonomiċi u soċjali. Dan jgħodd mhux biss għal Malta iżda għall-komunità internazzjonali kollha.

Il-livell ta' koperazzjoni internazzjonali sa issa huwa sod, u nemmen li ser jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex l-impatt ma jinġarrx mill-iktar dgħajfa. L-ebda pajjiż jew poplu mhu ser jitħalla waħdu.

Mil-lat soċjali, qed ikollna niċċaħdu mill-użanzi u d-drawwiet tagħna ta' kuljum - min bix-xogħol, l-iskola, jew attivitajiet soċjali li ħafna drabi huma mibnija fuq laqgħat tal-familji u tal-komunità.

Naf li din iċ-ċaħda taf twassal għal solitudni u forsi anki iżolament, iżda hija waħda bżonnjuża u ma rridux inċedu. Il-mezzi tat-teknoloġija tal-lum jippermettu li ħafna mix-xogħol isir, il-lezzjonijiet jitwasslu u l-kuntatti xorta waħda jinżammu.

Ejjew nagħmlu l-aħjar użu minn din l-għodda li għandna f'idejna.

Nagħlaq dan il-messaġġ, bl-aħħar kelmtejn ta' appell għall-għaqal u t-tama. Il-Maltin magħrufa għal kif kapaċi jirpiljaw minn sitwazzjonijiet agħar.

Bl-għaqda ta' bejnietna għelibna bosta diffikultajiet u ostakli fil-passat.

B'determinazzjoni, b'dixxiplina, is-solidarjetà, u fuq kollox bl-għajnuna t'Alla, ninstab ċert li ser nerġgħu nsibu saqajna u nkomplu fejn ħallejna.

Nirringrazzjakom u nsellmilkom.